# TWELID TA' POEŻIJA

*Ta' MANWEL NICHOLAS BORG*

Dalgħodu smajt il-leħen ħelu Tiegħu
Iġegħ'lni nikteb dak li f'qalbi nħoss,
U bdejt inħoss il-weġgħa ta' ħsieb safi
Iddur ma' demmi w tqabbad 'l idi tħożż.

Min bħall-Poeta? Jiġi msejjaħ mn'Alla
Biex jieqaf f'daqqa w-jerħi mn'idu x-xogħ'l!
Min bħall-Poeta? Jimraħ fejn ħadd rifes
Bil-muftieħ f'idu biex jorbot u jħoll!

F'dal-ħin sabiħ li jħoss il-messa t'Alla,
Dan jibda jixrob l-ilma tal-vrus sbieħ,
U bħal għasfur iħoll ilsienu ħelu
Biex b'għanja sbejħa lill-ħolqien jimlieħ.

Bħalissa ma jkunx jaf jekk l-għanja tiegħu
Għadx darba tidwi f'qalb ta' xi qarrej,
'Mma fit-tjubija tiegħu jibqa' jgħanni;
Bħalissa l-ġmiel jinsab ġo fih werrej.

Min bħall-Poeta? Jersaq ħdejn Min fdiena
U jibda jsemma' leħnu kullimkien!
Min bħalu? Jimxi id f'id mal-Mara waħda
Li taħt Riġlejha kulma jgħix jiċkien!

Min bħall-Poeta? Jogħla w jinżel f'daqqa!
Jixjieħ bil-ħsibijiet u jsir żagħżugħ!
Jara b'għajnejh fejn ħadd ma jista' jilmaħ;
Iħares lejn l-inwar għad xejn miżrugħ!

Sew sew dal-ħin jien għadni kemm ġejt lura
Mill-ogħla sema fejn għad ma ra ħadd,
Hemmhekk rajt lok li Hejja mn'ewl-id-dinja
Biex min Iħobbu jmur ġo fih kulħadd.

Din mhix xi għanja li jien ktibt min jeddi,
Jien ġejt imqabbad nikteb minn Ġesù,
Biex kull min jaqra jħoss il-ġmiel irersqu
Lejn l-ogħla ħajja fejn isaltan Hu.